IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2037

tal-10 ta' Diċembru 2020

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżuri ta' salvagwardja definittivi kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 16 u 20 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 13 u 16 tiegħu,

Billi:

1. KUNTEST

(1) Fil-31 ta' Jannar 2019, "il-Kummissjoni" imponiet miżuri ta' salvagwardja definittivi fuq ċerti prodotti tal-azzar ("ir-Regolament ta' Miżuri ta' Salvagwardja Definittivi") ([3]).

(2) Il-Kummissjoni emendat il-miżuri darbtejn skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1590 ([4]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/894 ([5]) rispettivament.

(3) Skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ ([6]) bejn l-Unjoni u r-Renju Unit ("ir-Renju Unit"), mill-1 ta' Jannar 2021, ir-Renju Unit mhuwiex se jibqa' jifforma aktar parti mit-territorju doganali tal-Unjoni. Għaldaqstant, minn dik id-data 'l quddiem, il-kamp ta' applikazzjoni territorjali li għalih japplikaw il-miżuri ta' salvagwardja se jinbidel. Peress li l-livell tal-miżuri ta' salvagwardja fuq ċerti prodotti tal-azzar ġie stabbilit fuq il-bażi tal-medja tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' 28 Stat Membru, jiġifieri inklużi l-importazzjonijiet fir-Renju Unit, matul il-perjodu ta' referenza 2015-2017, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li tadatta l-volum tal-Kwoti Tariffarji ("TRQs") skont dan, kif ukoll il-lista ta' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw soġġetti għall-miżuri ta' salvgwardja attwali.

(4) Fit-30 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni ppubblikat Notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([7]) li tispjega l-ħsieb wara l-proposta u l-metodoloġija li kienet biħsiebha tapplika, u stiednet lill-partijiet interessati biex jikkummentaw. In-Notifika kienet tinkludi wkoll il-volum ta' TRQs ikkalkulati mill-ġdid li se jkunu fis-seħħ għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2021.

2. PROĊESS ĠUST

(5) Il-Kummissjoni rċeviet dsatax-il preżentazzjoni mingħand il-partijiet interessati fiż-żmien stipulat. Il-Kummissjoni wettqet ukoll konsultazzjonijiet ma' disa' gvernijiet ta' pajjiżi terzi.

3. VALUTAZZJONI TAL-KUMMENTI RIĊEVUTI

(6) Il-Kummissjoni indirizzat il-kummenti li rċeviet, li jikkonċernaw kategoriji ta' prodotti speċifiċi jew aspetti ġenerali tal-adattament, kif ġej:

([1]) ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16.

([2]) ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1590 tas-26 ta' Settembru 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 248, 27.9.2019, p. 28).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/894 tad-29 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 206, 30.6.2020, p. 27).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

([7]) Notifika 2020/C 366/12 rigward l-adattament tal-livell ta' kwoti tar-rati tariffarji skont il-miżuri ta' salvagwardja fuq ċerti prodotti tal-azzar wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea mill-1 ta' Jannar 2021 (ĠU C 366, 30.10.2020, p. 36).

3.1. **Kategorija 4 – pjanċi miksija bil-metall**

(7) Bosta partijiet interessati ppreżentaw kummenti fir-rigward tal-volumi kkalkulati għall-kategoriji 4 A u 4B (inklużi l-gradi awtomobilistiċi) u talbu lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-kalkolu tagħha. B'mod partikolari, matul il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, parti interessata indikat żball klerikali fil-kalkolu. Parti interessata oħra identifikat kwistjoni ta' kalkolu speċifika jew ipproponiet allokazzjoni differenti bejn iż-żewġ kategoriji ta' prodotti, li tirrifletti aħjar is-sitwazzjoni tagħha fir-rigward tal-volumi li jikkonċernaw il-kwoti tariffarji, b'kont meħud tas-sitwazzjoni kontrofattwali f'dan il-każ, jiġifieri kif il-kwoti tariffarji kienu jiġu allokati kieku r-Renju Unit ma kienx parti mit-territorju doganali fiż-żmien meta ġew adottati l-miżuri ta' salvagwardja oriġinali. Wara li vvalutat dawn id-dikjarazzjonijiet, il-Kummissjoni sabet li dawn kienu ġġustifikati u rrevediet il-volumi inklużi fin-notifika tal-30 ta' Ottubru skont dan.

(8) Jenħtieġ li jiġi enfasizzat li dawn l-aġġustamenti jikkonċernaw biss id-distribuzzjoni tal-kwoti tariffarji bejn is-subkategoriji 4 A u 4B, iżda ma jaffettwawx il-livell tal-kwoti tariffarji għall-kategorija ġenerali tal-prodott 4.

(9) Il-volumi aġġornati huma riflessi fil-volumi tal-kwoti tariffarji fl-Anness I.

3.2. **Impatt tal-adattament tal-volumi ta' kwoti tariffarji**

(10) Xi partijiet argumentaw li jenħtieġ li l-Kummissjoni żżomm il-volumi ta' kwoti tariffarji eżistenti u, barra minn hekk, tagħti lir-Renju Unit il-kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż tiegħu stess jew, jekk din tkun taqa' taħt il-kwoti tariffarji residwi, il-volumi ta' dawn it-TRQs jeħtieġ jiżdiedu sabiex jinkludu l-flussi kummerċjali tradizzjonali tar-Renju Unit.

(11) Xi partijiet argumentaw ukoll li jistgħu jkunu affettwati b'mod negattiv mill-inklużjoni tar-Renju Unit fit-taqsima residwa ta' kwoti tariffarji eżistenti, peress li din iżżid il-kompetizzjoni għal volum iżgħar ta' kwoti tariffarji.

(12) Partijiet oħra nnutaw li għal ċerti oriġini, il-volum globali ta' kwoti tariffarji kkalkulat jonqos, u b'hekk il-miżura ssir aktar restrittiva.

(13) Fl-aħħar nett, ċerti pajjiżi esportaturi lmentaw li skont il-proposta tal-Kummissjoni, huma se jitilfu l-kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż tagħhom għal ċerti kategoriji ta' prodotti. Dawn il-partijiet argumentaw li jenħtieġ li l-Kummissjoni żżomm il-kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż tagħhom u li jekk ma tagħmilx dan, il-miżuri jsiru aktar restrittivi, u b'hekk jiksru r-regoli tad-WTO.

(14) Il-Kummissjoni ma qablitx li l-aġġustament propost se jagħmel il-miżura ta' salvagwardja aktar stretta. Kif iddikjarat fin-Notifika tat-30 ta' Ottubru, ir-riżultat tal-adattament, fi ftit każijiet, jista' jwassal biex xi pajjiżi jitilfu l-kwoti tariffarji speċifiċi għall-pajjiż tagħhom (u viċi versa) f'ċerti kategoriji ta' prodotti. Madankollu, il-Kummissjoni ma tqisx li l-adattament, fih innifsu, jista' jwassal għal miżura aktar restrittiva. Fin-Notifika tat-30 ta' Ottubru, il-Kummissjoni spjegat il-loġika tal-adattament, jiġifieri li jkun hemm volum ta' kwoti tariffarji (kemm f'livell globali kif ukoll għal kull kategorija ta' prodott) proporzjonat mat-tnaqqis tal-ambitu ġeografiku tat-territorju fejn tapplika l-miżura ta' salvagwardja tal-Unjoni li se sseħħ mill-1 ta' Jannar 2021. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-volumi kumplessivi tal-kwoti tariffarji li jirriżultaw mill-adattament huma 3 % ogħla minn dawk attwalment fis-seħħ, u li dan ma jistax jitqies bħala fattur li jagħmel il-miżura aktar restrittiva.

(15) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li, kieku kellha taċċetta talbiet minn dawk il-pajjiżi li jitilfu ċerta kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż, tkun qed tiddiskriminahom fil-konfront ta' partijiet interessati billi ma żżommx mal-prinċipju bażiku tagħha li tagħti kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż biss meta jiġi ssodisfat ċertu valur limitu (5 % tal-importazzjonijiet), f'perijodu speċifiku ([8]). Mill-applikazzjoni tax-xenarju kontrofattwali, jirriżulta li l-pajjiżi li kellhom kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż ma għadhomx jissodisfaw il-kriterju oġġettiv, filwaqt li oħrajn jissodisfawh.

(16) Il-volumi mhux użati tal-kwoti stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/894 ta' dawk il-pajjiżi li, wara l-adattament jitilfu l-kwoti speċifiċi għall-pajjiż tagħhom f'kategorija ta' prodotti, ġew allokati għall-kwoti tariffarji residwi fil-kategorijiet ta' prodotti rilevanti.

3.3. **Talba biex titwettaq analiżi bbażata fuq id-data tal-UE-27**

(17) Xi partijiet interessati argumentaw li jekk l-Unjoni qiegħda tadatta l-miżuri tagħha, hija trid tivvaluta mill-ġdid jekk ir-rekwiżiti kollha biex jiġu imposti miżuri ta' salvagwardja għadhomx jiġu ssodisfati fl-ambitu tal-UE-27. Parti interessata nnutat, b'mod partikolari, li approċċ bħal dan iwassal lill-UE tiddetermina li għal diversi kategoriji ta' prodotti, ma kienx ikun hemm żieda fl-importazzjonijiet, u għalhekk dawn għandhom jiġu eskluży mill-miżuri.

(18) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni osservat li l-kundizzjonijiet biex tiġi imposta miżura ta' salvagwardja jeħtieġ li jiġu ssodisfati meta tiġi imposta miżura ta' salvagwardja għall-ewwel darba. Fil-każ ta' din il-miżura, il-kundizzjonijiet ġew issodisfati kif spjegat fid-dettall fir-Regolament ta' Salvagwardja Definittiv.

([8]) F'dan il-każ partikolari, il-limitu jirreferi għas-sehem ta' 5 % tal-importazzjonijiet fil-perjodu ta' referenza f'ċerta kategorija ta' prodott biex jikkwalifika għal kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż.

(19) Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-fehmiet espressi minn xi partijiet interessati li sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni teħtieġ li ssir rivalutazzjoni sħiħa. Fil-fatt, kif spjegat fin-Notifika tat-30 ta' Ottubru, il-proċediment attwali huwa limitat għall-adattament tal-volumi ta' kwoti tariffarji għall-bidla fil-kamp ta' applikazzjoni tat-territorju fejn tapplika l-miżura ta' salvagwardja tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinsisti li dan il-proċediment bl-ebda mod ma jikkostitwixxi reviżjoni sħiħa tal-miżuri, u għalhekk, m'għandha l-ebda obbligu legali li twettaq l-analiżi mitluba minn xi partijiet interessati.

3.4. **Kategorija 18 – folji tal-azzar**

(20) Xi partijiet interessati kkontestaw il-proposta tal-Kummissjoni li tagħti TRQ speċifika għall-pajjiż lir-Renju Unit f'din il-kategorija ta' prodotti għar-raġuni li allegatament ma hemm l-ebda produzzjoni ta' din il-kategorija ta' prodotti fir-Renju Unit. B'riżultat ta' dan, il-volumi allokati lir-Renju Unit ma jintużawx. Dawn il-kumpaniji sostnew ukoll li t-tnaqqis fil-volumi ta' TRQs li rriżulta mill-adattament ma kellu l-ebda ġustifikazzjoni u li l-Kummissjoni għandha żżomm l-istess livell ta' TRQs kif previst bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/894.

(21) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni, fin-Notifika tagħha tal-30 ta' Ottubru, kienet spjegat il-metodoloġija u r-raġunament wara l-adattament u l-implikazzjonijiet li dan seta' jinvolvi. Jekk ikun hemm tnaqqis fil-volumi kumplessivi ta' TRQs f'din il-kategorija, huwa minħabba li l-importazzjonijiet fir-Renju Unit fil-perjodu ta' referenza tnaqqsu mill-volum tal-kwota tariffarja. Barra minn hekk, fin-Notifika tagħha tal-30 ta' Ottubru, il-Kummissjoni spjegat kif stabbiliet il-livell tal-importazzjonijiet tar-Renju Unit fl-UE27 matul il-perjodu ta' referenza. Id-dikjarazzjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' produzzjoni fir-Renju Unit ma kinitx sostanzjata kif xieraq u ma tikkorrispondix mal-istatistika użata mill-Kummissjoni. L-ebda parti interessata ma pprovdiet *data* dwar jekk l-importazzjonijiet lejn ir-Renju Unit ġewx ikkunsmati, ipproċessati aktar jew sussegwentement mibjugħa fl-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, il-volum allokat lir-Renju Unit ma setax jiġi ttrasferit għal oriġini oħra minħabba li dan jista' jgħolli artifiċjalment il-volum tat-TRQ. Għalhekk, din id-dikjarazzjoni hija immaterjali għall-utenti. Il-Kummissjoni ċaħdet ukoll it-talba li jinżammu l-volumi ta' TRQs attwali peress li dan ikun jinjora t-tnaqqis fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tat-territorju kopert mill-miżura ta' salvagwardja, u jista' jirriżulta wkoll f'volum ta' TRQs artifiċjalment minfuħ. Għalhekk, il-Kummissjoni tiċħad dawn l-argumenti.

3.5. **Kategorija tal-prodott 9 – Prodotti tal-azzar inossidabbli irrumblati ċatti fil-kiesaħ**

(22) Xi partijiet interessati nnutaw li minħabba l-proposta tal-Kummissjoni, il-Vjetnam se jitlef it-TRQ speċifika għall-pajjiż tiegħu f'din il-kategorija ta' prodotti. Dawn il-partijiet wissew lill-Kummissjoni li dawn il-volumi, li se jappartjenu għat-taqsima "pajjiżi oħra" tal-kwota tariffarja, x'aktarx li se jintużaw malajr, b'mod partikolari minn ċerta oriġini. Għaldaqstant, dawn il-partijiet talbu lill-Kummissjoni biex tillimita l-volumi li kwalunkwe pajjiż jista' juża fl-ambitu tal-kwota tariffarja (TRQ) residwa f'din il-kategorija.

(23) Il-Kummissjoni nnotat li t-talba biex l-aċċess jiġi limitat għall-pajjiżi esportaturi stabbiliti fl-ambitu tat-TRQ ([9]) residwa, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-eżerċizzju ta' adattament, peress li tinvolvi modifika tal-funzjonament tal-miżuri. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni fakkret li l-istess talba saret fi proċedimenti preċedenti u ġiet miċħuda. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tkomplix tindirizza l-merti ta' din id-dikjarazzjoni.

3.6. **Aġġornament tal-lista ta' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw soġġetti għal miżuri**

(24) Il-lista ta' kategoriji ta' prodotti li joriġinaw f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li għalihom japplikaw il-miżuri definittivi jeħtieġ li tiġi aġġornata biex tirrifletti l-adattament territorjali. Il-Kummissjoni bbażat il-kalkolu tagħha fuq *data* aġġornata li tikkonċerna s-sett *ta' data* dwar l-importazzjonijiet għas-sena 2019 (jiġifieri l-istess perjodu użat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/894, iżda bl-esklużjoni tal-importazzjonijiet fir-Renju Unit).

(25) Fir-rigward tal-kategoriji 4 A u 4B, fit-Taqsima 4, il-paragrafu 3 tan-Notifika tat-30 ta' Ottubru l-Kummissjoni ddeskriviet l-approċċ proviżorju tagħha fir-rigward tat-trattament tal-importazzjonijiet tar-Renju Unit għall-fini tal-kalkolu tat-TRQs rispettivi. Wara l-valutazzjoni tal-kummenti li waslu u l-konsultazzjonijiet ma' pajjiżi terzi rigward dan l-approċċ, il-Kummissjoni ddeċidiet li tapplika l-istess metodoloġija għall-fini tal-aġġornament tal-lista ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw soġġetti għall-miżuri fl-Anness II ta' dan ir-Regolament. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni affidabbli oħra jew proposta alternattiva dokumentata minn kwalunkwe parti interessata, il-Kummissjoni assumiet li jenħtieġ li l-importazzjonijiet tar-Renju Unit fis-sena 2019 jitqassmu b'mod ugwali bejn iż-żewġ kategoriji ta' prodotti.

(26) Il-volumi ta' kwoti tariffarji speċifiċi għall-pajjiż allokati lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li se jiġu esklużi mill-miżura ta' salvagwardja stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ġew allokati għall-kwoti tariffarji residwi fil-kategoriji ta' prodotti rilevanti.

(27) Il-bidliet fil-lista tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw soġġetti għall-miżuri huma kif ġej:

— Iċ-Ċina ssir soġġetta għall-miżuri fil-kategorija ta' prodotti 22;

([9]) Il-pajjiżi eżistenti li jesportaw fl-ambitu tal-kwota tariffarja residwa huma dawk li ma jibbenefikawx minn kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż f'ċertu kategorija ta' prodotti.

— It-Turkija tiġi eskluża mill-miżuri fil-kategorija tal-prodotti 25 A;

— L-Emirati Għarab Magħquda jiġu esklużi mill-miżuri fil-kategoriji tal-prodotti 21 u 26.

(28) L-ebda parti interessata ma għamlet kummenti dwar dan l-adattament.

(29) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbilit skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2015/478 u l-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2015/755 rispettivament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 huwa emendat kif ġej:

— L-Anness IV huwa sostitwit bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

— L-Anness III.2 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

"ANNESS IV

IV.1 – **Volumi tal-kwoti tar-rati tariffarji**

Numru tal-prodotti	Kategorija ta' prodotti	Kodiċijiet NM	Allokazzjoni skont il-pajjiż (Fejn Applikabbli)	Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021	Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021	Rata tad-dazju addizzjonali	Numri tal-ordni
				Volum tal-kwota tariffarja (tunnellati netti)			
1	Folji u Strixxi Mhux Illigati u Oħrajn Illigati Llaminati bis-Sħana	7208 10 00, 7208 25 00, 7208 26 00, 7208 27 00, 7208 36 00, 7208 37 00, 7208 38 00, 7208 39 00, 7208 40 00, 7208 52 99, 7208 53 90, 7208 54 00, 7211 14 00, 7211 19 00, 7212 60 00, 7225 19 10, 7225 30 10, 7225 30 30, 7225 30 90, 7225 40 15, 7225 40 90, 7226 19 10, 7226 91 20, 7226 91 91, 7226 91 99	Il-Federazzjoni Russa	395 909,00	400 307,98	25 %	09.8966
			It-Turkija	313 791,59	317 278,16	25 %	09.8967
			L-Indja	161 191,83	162 982,85	25 %	09.8968
			Ir-Repubblika tal-Korea	129 042,60	130 476,40	25 %	09.8969
			Ir-Renju Unit	114 460,48	115 732,26	25 %	09.8976
			Is-Serbja	113 624,87	114 887,37	25 %	09.8970
			Pajjiżi oħra	969 690,07	980 464,41	25 %	[1]
2	Folji Mhux Illigati u Oħrajn Illigati Llaminati bil-Kesħa	7209 15 00, 7209 16 90, 7209 17 90, 7209 18 91, 7209 25 00, 7209 26 90, 7209 27 90, 7209 28 90, 7209 90 20, 7209 90 80, 7211 23 20, 7211 23 30, 7211 23 80, 7211 29 00, 7211 90 20, 7211 90 80, 7225 50 20, 7225 50 80, 7226 20 00, 7226 92 00	L-Indja	143 355,40	144 948,24	25 %	09.8801
			Ir-Repubblika tal-Korea	83 143,26	84 067,08	25 %	09.8802
			Ir-Renju Unit	76 842,60	77 696,41	25 %	09.8977
			L-Ukrajna	63 833,81	64 543,07	25 %	09.8803
			Il-Brażil	40 842,75	41 296,56	25 %	09.8804
			Is-Serbja	36 193,20	36 595,35	25 %	09.8805
			Pajjiżi oħra	252 391,11	255 195,45	25 %	[2]
3.A	Folji Elettriċi (għajr GOES)	7209 16 10, 7209 17 10, 7209 18 10, 7209 26 10, 7209 27 10, 7209 28 10	Il-Federazzjoni Russa	333,03	336,73	25 %	09.8808
			Ir-Renju Unit	285,37	288,54	25 %	09.8978
			Ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran	145,80	147,42	25 %	09.8809
			Ir-Repubblika tal-Korea	118,68	119,99	25 %	09.8806
			Pajjiżi oħra	719,47	727,46	25 %	[3]
3.B		7225 19 90, 7226 19 80	Il-Federazzjoni Russa	33 685,76	34 060,05	25 %	09.8811
			Ir-Repubblika tal-Korea	20 132,89	20 356,59	25 %	09.8812
			Iċ-Ċina	15 498,07	15 670,27	25 %	09.8813
			It-Tajwan	11 627,43	11 756,62	25 %	09.8814
			Pajjiżi oħra	6 024,76	6 091,70	25 %	[4]

4.A	Folji Miksija Metalliċi	Kodiċijiet TARIC: 7210 41 00 20, 7210 49 00 20, 7210 61 00 20, 7210 69 00 20, 7212 30 00 20, 7212 50 61 20, 7212 50 69 20, 7225 92 00 20, 7225 99 00 11, 7225 99 00 22, 7225 99 00 45, 7225 99 00 91, 7225 99 00 92, 7226 99 30 10, 7226 99 70 11, 7226 99 70 91, 7226 99 70 94	Ir-Repubblika tal-Korea	32 981,94	33 348,41	25 %	09.8816
			L-Indja	47 144,92	47 668,75	25 %	09.8817
			Ir-Renju Unit	31 075,99	31 421,28	25 %	09.8979
			Pajjiżi oħra	417 545,50	422 184,90	25 %	[5]
4.B	Folji Miksija Metalliċi	Kodiċijiet NM: 7210 20 00, 7210 30 00, 7210 90 80, 7212 20 00, 7212 50 20, 7212 50 30, 7212 50 40, 7212 50 90, 7225 91 00, 7226 99 10 Kodiċijiet TARIC: 7210 41 00 30, 7210 41 00 80, 7210 49 00 30, 7210 49 00 80, 7210 61 00 30, 7210 61 00 80, 7210 69 00 30, 7210 69 00 80, 7212 30 00 30, 7212 30 00 80, 7212 50 61 30, 7212 50 61 80, 7212 50 69 30, 7212 50 69 80, 7225 92 00 30, 7225 92 00 80, 7225 99 00 23, 7225 99 00 41, 7225 99 00 93, 7225 99 00 95, 7226 99 30 30, 7226 99 30 90, 7226 99 70 13, 7226 99 70 19, 7226 99 70 93, 7226 99 70 96	Iċ-Ċina	112 702,10	113 954,34	25 %	09.8821
			Ir-Repubblika tal-Korea	146 267,74	147 892,93	25 %	09.8822
			L-Indja	67 313,85	68 061,78	25 %	09.8823
			Ir-Renju Unit	31 075,99	31 421,28	25 %	09.8980
			Pajjiżi oħra	94 312,94	95 360,86	25 %	[6]
5	Folji Miksija Organiċi	7210 70 80, 7212 40 80	L-Indja	69 079,96	69 847,51	25 %	09.8826
			Ir-Repubblika tal-Korea	62 432,08	63 125,77	25 %	09.8827
			Ir-Renju Unit	30 651,88	30 992,45	25 %	09.8981
			It-Tajwan	20 009,20	20 231,52	25 %	09.8828
			It-Turkija	13 814,36	13 967,85	25 %	09.8829
			Pajjiżi oħra	37 843,96	38 264,44	25 %	[7]

6	Prodotti stanjati	7209 18 99, 7210 11 00, 7210 12 20, 7210 12 80, 7210 50 00, 7210 70 10, 7210 90 40, 7212 10 10, 7212 10 90, 7212 40 20	Iċ-Ċina	97 495,49	98 578,77	25 %	09.8831
			Ir-Renju Unit	35 561,84	35 956,97	25 %	09.8982
			Is-Serbja	19 570,13	19 787,58	25 %	09.8832
			Ir-Repubblika tal-Korea	14 156,15	14 313,44	25 %	09.8833
			It-Tajwan	11 769,81	11 900,58	25 %	09.8834
			Pajjiżi oħra	32 623,10	32 985,58	25 %	[8]
7	Pjanċi Kwarto Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	7208 51 20, 7208 51 91, 7208 51 98, 7208 52 91, 7208 90 20, 7208 90 80, 7210 90 30, 7225 40 12, 7225 40 40, 7225 40 60, 7225 99 00	L-Ukrajna	209 860,26	212 192,04	25 %	09.8836
			Ir-Repubblika tal-Korea	85 938,89	86 893,77	25 %	09.8837
			Il-Federazzjoni Russa	72 574,83	73 381,22	25 %	09.8838
			L-Indja	47 696,17	48 226,13	25 %	09.8839
			Ir-Renju Unit	47 679,95	48 209,72	25 %	09.8983
			Pajjiżi oħra	289 237,24	292 450,99	25 %	[9]
8	Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Llaminati bis-Sħana	7219 11 00, 7219 12 10, 7219 12 90, 7219 13 10, 7219 13 90, 7219 14 10, 7219 14 90, 7219 22 10, 7219 22 90, 7219 23 00, 7219 24 00, 7220 11 00, 7220 12 00	Pajjiżi oħra	90 629,91	91 636,90	25 %	[10]
9	Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Llaminati bil-Kesħa	7219 31 00, 7219 32 10, 7219 32 90, 7219 33 10, 7219 33 90, 7219 34 10, 7219 34 90, 7219 35 10, 7219 35 90, 7219 90 20, 7219 90 80, 7220 20 21, 7220 20 29, 7220 20 41, 7220 20 49, 7220 20 81, 7220 20 89, 7220 90 20, 7220 90 80	Ir-Repubblika tal-Korea	43 629,00	44 113,77	25 %	09.8846
			It-Tajwan	40 458,63	40 908,18	25 %	09.8847
			L-Indja	27 041,19	27 341,65	25 %	09.8848
			L-Istati Uniti	22 000,76	22 245,21	25 %	09.8849
			It-Turkija	18 307,38	18 510,79	25 %	09.8850
			Il-Malasja	11 598,54	11 727,41	25 %	09.8851
			Pajjiżi oħra	46 526,20	47 043,16	25 %	[11]
10	Pjanċi Kwarto Inossidabbli Llaminati bis-Sħana	7219 21 10, 7219 21 90	Iċ-Ċina	4 320,80	4 368,81	25 %	09.8856
			L-Indja	1 832,92	1 853,28	25 %	09.8857
			Ir-Renju Unit	756,12	764,53	25 %	09.8984
			It-Tajwan	698,09	705,84	25 %	09.8858
			Pajjiżi oħra	915,93	926,11	25 %	[12]

12	Forom tal-Metall u Forom Ħfief Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	7214 30 00, 7214 91 10, 7214 91 90, 7214 99 31, 7214 99 39, 7214 99 50, 7214 99 71, 7214 99 79, 7214 99 95, 7215 90 00, 7216 10 00, 7216 21 00, 7216 22 00, 7216 40 10, 7216 40 90, 7216 50 10, 7216 50 91, 7216 50 99, 7216 99 00, 7228 10 20, 7228 20 10, 7228 20 91, 7228 30 20, 7228 30 41, 7228 30 49, 7228 30 61, 7228 30 69, 7228 30 70, 7228 30 89, 7228 60 20, 7228 60 80, 7228 70 10, 7228 70 90, 7228 80 00	Iċ-Ċina	103 601,87	104 753,01	25 %	09.8861
			Ir-Renju Unit	86 672,43	87 635,46	25 %	09.8985
			It-Turkija	62 288,24	62 980,33	25 %	09.8862
			Il-Federazzjoni Russa	57 825,56	58 468,06	25 %	09.8863
			L-Iżvizzera	46 358,90	46 874,00	25 %	09.8864
			Il-Belarussja	37 104,08	37 516,35	25 %	09.8865
			Pajjiżi oħra	47 142,12	47 665,92	25 %	[13]
13	Vireg tar-rinforz	7214 20 00, 7214 99 10	It-Turkija	58 826,75	59 480,38	25 %	09.8866
			Il-Federazzjoni Russa	56 951,11	57 583,90	25 %	09.8867
			L-Ukrajna	28 798,84	29 118,83	25 %	09.8868
			Il-Bożnija-Ħerzegovina	25 219,87	25 500,09	25 %	09.8869
			Ir-Repubblika tal-Moldova	18 125,11	18 326,50	25 %	09.8870
			Pajjiżi oħra	109 637,11	110 855,30	25 %	[14]
14	Bars Stainless u Forom Ħfief	7222 11 11, 7222 11 19, 7222 11 81, 7222 11 89, 7222 19 10, 7222 19 90, 7222 20 11, 7222 20 19, 7222 20 21, 7222 20 29, 7222 20 31, 7222 20 39, 7222 20 81, 7222 20 89, 7222 30 51, 7222 30 91, 7222 30 97, 7222 40 10, 7222 40 50, 7222 40 90	L-Indja	27 892,96	28 202,88	25 %	09.8871
			Ir-Renju Unit	4 076,21	4 121,51	25 %	09.8986
			L-Iżvizzera	4 012,28	4 056,86	25 %	09.8872
			L-Ukrajna	3 098,90	3 133,33	25 %	09.8873
			Pajjiżi oħra	4 521,80	4 572,05	25 %	[15]

15	Virga tal-Wajer Stainless	7221 00 10, 7221 00 90	L-Indja	6 487,41	6 559,49	25 %	09.8876
			It-Tajwan	4 182,82	4 229,30	25 %	09.8877
			Ir-Renju Unit	3 360,43	3 397,77	25 %	09.8987
			Ir-Repubblika tal-Korea	2 088,34	2 111,54	25 %	09.8878
			Iċ-Ċina	1 414,37	1 430,08	25 %	09.8879
			Il-Ġappun	1 403,63	1 419,23	25 %	09.8880
			Pajjiżi oħra	698,10	705,85	25 %	[16]
16	Virga tal-Wajer Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	7213 10 00, 7213 20 00, 7213 91 10, 7213 91 20, 7213 91 41, 7213 91 49, 7213 91 70, 7213 91 90, 7213 99 10, 7213 99 90, 7227 10 00, 7227 20 00, 7227 90 10, 7227 90 50, 7227 90 95	Ir-Renju Unit	133 112,45	134 591,48	25 %	09.8988
			L-Ukrajna	93 132,26	94 167,07	25 %	09.8881
			L-Iżvizzera	90 980,58	91 991,47	25 %	09.8882
			Il-Federazzjoni Russa	78 745,32	79 620,26	25 %	09.8883
			It-Turkija	76 362,96	77 211,44	25 %	09.8884
			Il-Belarussja	62 438,46	63 132,22	25 %	09.8885
			Ir-Repubblika tal-Moldova	46 799,56	47 319,56	25 %	09.8886
			Pajjiżi oħra	77 881,71	78 747,06	25 %	[17]
17	Angoli, Forom u Qatgħat tal-Ħadid jew tal-Azzar Mhux Illigat	7216 31 10, 7216 31 90, 7216 32 11, 7216 32 19, 7216 32 91, 7216 32 99, 7216 33 10, 7216 33 90	L-Ukrajna	27 500,57	27 806,14	25 %	09.8891
			Ir-Renju Unit	23 890,85	24 156,31	25 %	09.8989
			It-Turkija	19 883,09	20 104,02	25 %	09.8892
			Ir-Repubblika tal-Korea	4 633,85	4 685,34	25 %	09.8893
			Pajjiżi oħra	10 905,03	11 026,20	25 %	[18]
18	Gzuz ta' Pjanċi	7301 10 00	Iċ-Ċina	6 151,98	6 220,33	25 %	09.8901
			L-Emirati Għarab Magħquda	3 044,65	3 078,48	25 %	09,8902
			Ir-Renju Unit	789,54	798,32	25 %	09.8990
			Pajjiżi oħra	224,06	226,55	25 %	[19]
19	Materjal tal-Ferrovija	7302 10 22, 7302 10 28, 7302 10 40, 7302 10 50, 7302 40 00	Ir-Renju Unit	3 788,71	3 830,80	25 %	09.8991
			Il-Federazzjoni Russa	1 375,95	1 391,24	25 %	09.8906
			It-Turkija	1 117,60	1 130,02	25 %	09.8908
			Iċ-Ċina	989,92	1 000,92	25 %	09.8907
			Pajjiżi oħra	1 024,65	1 036,04	25 %	[20]

20	Pajpijiet tal-gass	7306 30 41, 7306 30 49, 7306 30 72, 7306 30 77	It-Turkija	43 450,18	43 932,96	25 %	09.8911
			L-Indja	16 721,00	16 906,78	25 %	09.8912
			Il-Maċedonja ta' Fuq	6 175,81	6 244,43	25 %	09.8913
			Ir-Renju Unit	5 874,82	5 940,09	25 %	09.8992
			Pajjiżi oħra	12 635,26	12 775,65	25 %	[21]
21	Pajpijiet vojta minn ġewwa	7306 61 10, 7306 61 92, 7306 61 99	It-Turkija	66 577,91	67 317,67	25 %	09.8916
			Ir-Renju Unit	40 001,61	40 446,07	25 %	09.8993
			Il-Federazzjoni Russa	22 664,34	22 916,17	25 %	09.8917
			Il-Maċedonja ta' Fuq	21 621,70	21 861,94	25 %	09.8918
			L-Ukrajna	16 174,57	16 354,29	25 %	09.8919
			L-Iżvizzera	13 600,58	13 751,70	25 %	09.8920
			Il-Belarussja	13 392,20	13 541,00	25 %	09.8921
			Pajjiżi oħra	15 230,42	15 399,64	25 %	[22]
22	Tubi u Pajpijiet Stainless Seamless	7304 11 00, 7304 22 00, 7304 24 00, 7304 41 00, 7304 49 10, 7304 49 93, 7304 49 95, 7304 49 99	L-Indja	5 168,74	5 226,17	25 %	09.8926
			L-Ukrajna	3 236,47	3 272,43	25 %	09.8927
			Ir-Renju Unit	1 642,83	1 661,08	25 %	09.8994
			Ir-Repubblika tal-Korea	1 017,41	1 028,71	25 %	09.8928
			Il-Ġappun	946,14	956,65	25 %	09.8929
			Iċ-Ċina	811,77	820,79	25 %	09.8931
			Pajjiżi oħra	2 360,85	2 387,08	25 %	[23]
24	Tubi Seamless Oħra	7304 19 10, 7304 19 30, 7304 19 90, 7304 23 00, 7304 29 10, 7304 29 30, 7304 29 90, 7304 31 20, 7304 31 80, 7304 39 10, 7304 39 52, 7304 39 58, 7304 39 92, 7304 39 93, 7304 39 98, 7304 51 81, 7304 51 89, 7304 59 10, 7304 59 92, 7304 59 93, 7304 59 99, 7304 90 00	Iċ-Ċina	30 152,17	30 487,19	25 %	09.8936
			L-Ukrajna	23 541,21	23 802,78	25 %	09.8937
			Il-Belarussja	12 595,36	12 735,31	25 %	09.8938
			Ir-Renju Unit	9 557,38	9 663,58	25 %	09.8995
			L-Istati Uniti	6 714,21	6 788,82	25 %	09.8940
			Pajjiżi oħra	35 461,44	35 855,45	25 %	[24]

25.A	Tubi kbar iwweldjati	7305 11 00, 7305 12 00	Pajjiżi oħra	106 330,19	107 511,63	25 %	[25]
25.B	Tubi kbar iwweldjati	7305 19 00, 7305 20 00, 7305 31 00, 7305 39 00, 7305 90 00	It-Turkija	9 347,69	9 451,55	25 %	09.8971
			Iċ-Ċina	6 323,27	6 393,53	25 %	09.8972
			Il-Federazzjoni Russa	6 278,07	6 347,83	25 %	09.8973
			Ir-Renju Unit	4 248,97	4 296,18	25 %	09.8996
			Ir-Repubblika tal-Korea	2 488,39	2 516,04	25 %	09.8974
			Pajjiżi oħra	5 771,54	5 835,67	25 %	[26]
26	Pajpijiet Iwweldjati Oħra	7306 11 10, 7306 11 90, 7306 19 10, 7306 19 90, 7306 21 00, 7306 29 00, 7306 30 11, 7306 30 19, 7306 30 80, 7306 40 20, 7306 40 80, 7306 50 20, 7306 50 80, 7306 69 10, 7306 69 90, 7306 90 00	L-Iżvizzera	40 668,04	41 119,90	25 %	09.8946
			It-Turkija	31 126,18	31 472,03	25 %	09.8947
			Ir-Renju Unit	9 655,60	9 762,88	25 %	09.8997
			It-Tajwan	7 510,15	7 593,59	25 %	09.8950
			Iċ-Ċina	6 540,69	6 613,37	25 %	09.8949
			Il-Federazzjoni Russa	6 402,83	6 473,97	25 %	09.8952
			Pajjiżi oħra	20 849,11	21 080,77	25 %	[27]
27	Żbarri mhux Illigati u oħrajn illigati b'finatura bil-kesħa	7215 10 00, 7215 50 11, 7215 50 19, 7215 50 80, 7228 10 90, 7228 20 99, 7228 50 20, 7228 50 40, 7228 50 61, 7228 50 69, 7228 50 80	Il-Federazzjoni Russa	74 594,12	75 422,94	25 %	09.8956
			L-Iżvizzera	17 399,98	17 593,32	25 %	09.8957
			Ir-Renju Unit	13 012,46	13 157,05	25 %	09.8998
			Iċ-Ċina	12 561,01	12 700,58	25 %	09.8958
			L-Ukrajna	10 233,14	10 346,84	25 %	09.8959
			Pajjiżi oħra	9 702,37	9 810,18	25 %	[28]
28	Wajer Mhux Illigat	7217 10 10, 7217 10 31, 7217 10 39, 7217 10 50, 7217 10 90, 7217 20 10, 7217 20 30, 7217 20 50, 7217 20 90, 7217 30 41, 7217 30 49, 7217 30 50, 7217 30 90, 7217 90 20, 7217 90 50, 7217 90 90	Il-Belarussja	56 580,19	57 208,86	25 %	09.8961
			Iċ-Ċina	39 836,99	40 279,62	25 %	09.8962
			Il-Federazzjoni Russa	26 657,35	26 953,54	25 %	09.8963
			It-Turkija	21 490,10	21 728,87	25 %	09.8964
			L-Ukrajna	17 144,99	17 335,49	25 %	09.8965
			Pajjiżi oħra	29 751,08	30 081,65	25 %	[29]

[1] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8601
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8602
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: għar-Russja*: 09.8571, għat-Turkija*: 09.8572, għall-Indja*: 09.8573, għar-Repubblika tal-Korea*: 09.8574, għas-Serbja*: 09.8575 u għar-Renju Unit*: 09.8599
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5

[2] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8603
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8604
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għall-Indja*, ir-Repubblika tal-Korea*, l-Ukrajna*, il-Brażil*, is-Serbja* u r-Renju Unit*: 09.8567
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5

[3] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8605
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8606
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għar-Repubblika tal-Korea*, ir-Russja*, ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran'* u r-Renju Unit*: 09.8568
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5

[4] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8607
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8608
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għar-Russja*, il-Korea (ir-Repubblika ta')*, iċ-Ċina* u t-Taiwan*: 09.8569
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5

[5] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8609
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8610
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għall-Indja*, ir-Repubblika tal-Korea* u r-Renju Unit*: 09.8570
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5

[6] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8611
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09,8612
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għaċ-Ċina*: 09.8581, għar-Repubblika tal-Korea*: 09.8582, għall-Indja*: 09.8583, għar-Renju Unit*: 09.8584
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5

[7] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8613
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8614

[8] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8615
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8616
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għaċ-Ċina*, ir-Repubblika tal-Korea*, it-Tajwan*, is-Serbja* u r-Renju Unit*: 09.8576
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5

[9] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8617
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8618
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għall-Ukrajna*, ir-Repubblika tal-Korea*, ir-Russja*, l-Indja* u r-Renju Unit*: 09.8577
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5

[10] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8619
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8620

[11] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8621
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8622
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għar-Repubblika tal-Korea*, it-Tajwan*, l-Indja*, l-Istati Uniti tal-Amerka*, it-Turkija* u l-Malasja*: 09,8578
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5

[12] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8623
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8624
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għaċ-Ċina*, l-Indja*, it-Tajwan* u r-Renju Unit*: 09.8591
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5

[13] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8625
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8626
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għaċ-Ċina*, it-Turkija*, ir-Russja*, l-Iżvizzera*, il-Belarussja* u r-Renju Unit*: 09.8592
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5

[14] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09,8627
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8628
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għat-Turkija*, ir-Russja*, l-Ukrajna*, il-Bożnija-Ħerzegovina* u l-Moldova*: 09.8593
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5

[15] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09,8629
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8630
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għall-Indja*, l-Iżvizzera*, l-Ukrajna* u r-Renju Unit*: 09.8594
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5

[16] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09,8631
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8632
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għall-Indja*, it-Taiwan*, ir-Repubblika tal-Korea*, iċ-Ċina*, il-Ġappun* u r-Renju Unit*: 09.8595
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5

[17] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8633
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8634

[18] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8635
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8636
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għat-Turkija*, l-Ukrajna*, ir-Repubblika tal-Korea* u r-Renju Unit*: 09.8579
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5
[19] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8637
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8638
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għaċ-Ċina*, L-Emirati Għarab Magħquda* u r-Renju Unit*: 09.8580
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5
[20] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8639
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8640
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għar-Russja*, iċ-Ċina*, it-Turkija* u r-Renju Unit*: 09.8585
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5
[21] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8641
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8642
[22] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8643
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8644
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għat-Turkija*, ir-Russja*, l-Ukrajna*, il-Maċedonja ta' Fuq*, l-Iżvizzera*, il-Belarussja* u r-Renju Unit*: 09.8596
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5
[23] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8645
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8646
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għall-Indja*, l-Ukrajna*, ir-Repubblika tal-Korea*, il-Ġappun*, iċ-Ċina* u r-Renju Unit*: 09.8597
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5
[24] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8647
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8648
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għaċ-Ċina*, l-Ukrajna*, il-Belarussja*, l-Istati Uniti tal-Amerka* u r-Renju Unit*: 09.8586
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5
[25] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8657
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8658
[26] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8659
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8660
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għat-Turkija*, iċ-Ċina*, ir-Russja*, ir-Repubblika tal-Korea* u r-Renju Unit*: 09.8587
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5
[27] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8651
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8652
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għall-Iżvizzera*, it-Turkija*, it-Tajwan*, iċ-Ċina*, ir-Russja* u r-Renju Unit*: 09.8588
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5
[28] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8653
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8654
[29] Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021: 09.8655
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: 09.8656
Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021: Għat-Turkija*, ir-Russja*, l-Ukrajna*, iċ-Ċina* u l-Belarussja*: 09.8598
*Fil-każ tal-eżawriment tal-kwoti speċifiċi tagħhom skont l-Artikolu 1.5

IV.2 – **Volumi tal-kwoti tar-rati tariffarji globali għal kull trimestru**

Numru tal-prodott		Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021	Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021
		Volum tal-kwota tariffarja (tunnellati netti)	
1	Pajjiżi oħra	969 690,07	980 464,41
2	Pajjiżi oħra	252 391,11	255 195,45
3 A	Pajjiżi oħra	719,47	727,46
3B	Pajjiżi oħra	6 024,76	6 091,70
4 A	Pajjiżi oħra	417 545,50	422 184,90
4 B	Pajjiżi oħra	94 312,94	95 360,86
5	Pajjiżi oħra	37 843,96	38 264,44
6	Pajjiżi oħra	32 623,10	32 985,58
7	Pajjiżi oħra	289 237,24	292 450,99
8	Pajjiżi oħra	90 629,91	91 636,90

Numru tal-prodott		Mill-1.1.2021 sal-31.3.2021	Mill-1.4.2021 sat-30.6.2021
		Volum tal-kwota tariffarja (tunnellati netti)	
9	Pajjiżi oħra	46 526,20	47 043,16
10	Pajjiżi oħra	915,93	926,11
12	Pajjiżi oħra	47 142,12	47 665,92
13	Pajjiżi oħra	109 637,11	110 855,30
14	Pajjiżi oħra	4 521,80	4 572,05
15	Pajjiżi oħra	698,10	705,85
16	Pajjiżi oħra	77 881,71	78 747,06
17	Pajjiżi oħra	10 905,03	11 026,20
18	Pajjiżi oħra	224,06	226,55
19	Pajjiżi oħra	1 024,65	1 036,04
20	Pajjiżi oħra	12 635,26	12 775,65
21	Pajjiżi oħra	15 230,42	15 399,64
22	Pajjiżi oħra	2 360,85	2 387,08
24	Pajjiżi oħra	35 461,44	35 855,45
25 A	Pajjiżi oħra	106 330,19	107 511,63
25 B	Pajjiżi oħra	5 771,54	5 835,67
26	Pajjiżi oħra	20 849,11	21 080,77
27	Pajjiżi oħra	9 702,37	9 810,18
28	Pajjiżi oħra	29 751,08	30 081,65

IV.3 - **Volum massimu ta' kwota residwa aċċessibbli mill-1.4.2021 sat-30.6.2021 għall-pajjiżi bi kwota speċifika għall-pajjiż**

Kategorija ta' prodotti	Kwota allokata ġdida mill-1.4.2021 sat-30.6.2021 f'tunnellati
1	Reġim speċjali
2	255 195,45
3.A	727,46
3.B	6 091,70
4.A	422 184,90
4.B	Reġim speċjali
5	L-ebda aċċess għall-kwota residwa fir-raba trimestru (Q4)
6	32 985,58
7	292 450,99
8	Mhux applikabbli
9	47 043,16
10	277,83
12	28 599,55
13	28 822,38

Kategorija ta' prodotti	Kwota allokata ġdida mill-1.4.2021 sat-30.6.2021 f'tunnellati
14	2 514,63
15	522,33
16	L-ebda aċċess għall-kwota residwa fir-raba trimestru (Q4)
17	11 026,20
18	226,55
19	1 036,04
20	L-ebda aċċess għall-kwota residwa fir-raba trimestru (Q4)
21	3 233,93
22	1 933,53
24	35 855,45
25.A	Mhux applikabbli
25.B	5 835,67
26	21 080,77
27	L-ebda aċċess għall-kwota residwa fir-raba trimestru (Q4)
28	21357,97”

ANNESS II

Lista ta' kategoriji ta' prodotti li joriġinaw f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp li għalihom japplikaw il-miżuri definittivi

L-Anness III.2 huwa emendat kif ġej:

"Lista ta' kategoriji ta' prodotti li joriġinaw f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp li għalihom japplikaw il-miżuri definittivi

Pajjiż/Grupp ta' prodotti	**1**	**2**	**3 A**	**3 B**	**4 A**	**4 B**	**5**	**6**	**7**	**8**	**9**	**10**	**12**	**13**	**14**	**15**	**16**	**17**	**18**	**19**	**20**	**21**	**22**	**24**	**25 A**	**25 B**	**26**	**27**	**28**
Il-Brażil		X	X																					X					
Iċ-Ċina				X		X		X		X		X	X			X			X	X		X	X	X	X	X	X	X	X
L-Indja	X	X		X	X	X	X	X	X		X	X			X	X					X		X	X			X		
L-Indoneżja									X	X	X													X					
Il-Malasja											X													X					
Il-Messiku																								X					
Il-Moldova														X			X							X					
Il-Maċedonja ta' Fuq							X		X				X								X	X		X					
It-Tajlandja											X													X					
It-Tuneżija					X																			X					
It-Turkija	X	X			X	X	X	X			X		X	X			X	X		X	X	X		X		X	X	X	X
L-Ukrajna		X							X					X	X		X	X			X	X	X	X				X	X"
L-Emirati Għarab Magħquda																		X	X		X			X					
Il-Vjetnam		X					X				X													X					
Il-pajjiżi l-oħra kollha fil-fażi tal-iżvilupp																								X					